# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025**

**Numru 5**

**Rikors Numru 1252/2021**

**Joseph Spiteri ID 682562M**
**vs**
**Tlata Limited C 16319**
**Cash and Debt Collecting Limited C46388**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Joseph Spiteri (l-Attur) tal-21 ta' Diċembru 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), ghall habta tad-disgha u nofs ta' filghodu (9.30am) fil-barriera Hardstone, No. 32, Santa Katerina, limiti tar-Rabat, liema bariera hija propjeta tal-konvenuti jew minn minnhom sehh incident meta l-esponenti fuq struzzjonijiet cari tas-superjuri tieghu u sid il-bariera kien qed jhott trakk b'materjal ta' kostruzzjoni skont

kif ordnat lilu. Liema trakk tal-marka Mercedes Actros 4141-K ghandu n-numru ta' registrazzjoni KBO 619.

2. Illi konsegwenza diretta ta' dan l-incident l-esponenti korra gravament fejn apparti ksur f'diversi postijiet f'gismu sofra wkoll bosta problem fil-muskoli. Illi minkejja li kien car dak l-hin tal-incident li l-esponenti kien korra gravament, r-rapprezentanti tal-konvenuti lanqas biss offrew li jcemplu ambulanza izda tefghu lil esponenti fuq wara ta' karozza u saquh huma lejn klinika fejn wara gie riferut ghall-isptar. Illi di fatti presentament l-esponenti Joseph Spiteri qed jbati minn disabilita permanenti kif se jigi ppruvat u ccertifikat tul l-kors tal-kawza.

3. Illi ghall dan l-incident u d-danni subiti konsegwenza tieghu jahtu solament l-konvenuti jew minn minnhom u dan bhala konsegwenza ta' negligenza, traskuragni, imprudenza, nuqqas ta' hila u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti fuq il-post tax-xoghol, kif wkoll nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tas-sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol minn naha tal-konvenuti.

4. Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-esponenti garrab *damnum emergens* li jinkludu u mhux limitati ghall-spejjez ta' tobba u medicinali, telf ta' xoghol u telf iehor li se jkun qed jigi ippruvat u se jirrizulta waqt t-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

5. Illi l-istess esponenti Joseph Spiteri sofra wkoll *lucrum cessans* rizultat tal-istess incident de quo, kagun tal-fatt li, bhala effett dirett tal-istess incident, sofra debilita permanenti riskontrata u accertata hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt t-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi, inoltre kagun u konsegwenza tad-debilita permanenti sofferta minn l-esponenti Joseph Spiteri, l-istess esponenti se jkompli jinkorri spejjez sostanzjali ta' kura u assistenza ta' natura rikkorenti fil-futur u dan kif se jigi spjegat ahjar waqt t-trattazzjoni tal-kawza.

7. Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata l-ewwel (1) ta' Ottubru 2021 huma baqghu inadampjenti.

Ghalhekk kellha issir din il-kawza fejn l-esponenti qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew minn minnhom unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab l-esponenti;

2. Tillikwida id-danni kollha tal-esponenti konsistenti f'damnum emergens, fi spejjes tar-rikkorenti kif wkoll f'lucrum cessans naxxenti mid-debilita permanenti riskontrata u accertata, occeredno bl-opra ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lil-konvenuti jew minn minnhom sabiex jhallsu lill-esponenti dawk l-ammonti kollha li jigu ddikjarati bhala dovuti minnha in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Ottubru 2021 u bl-imghax legali skont il-ligi kontra l-konvenuti li qed jigu minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta ġuramentata u kontrotalba tas-Soċjetajiet Tlata Limited u Cash and Debt Collecting Limited (is-Soċjetajiet konvenuti) tas-17 ta' Frar 2022 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. Illi l-esponent jaqbel mas-sekwenza tal-fatti hekk kif esposta mir-rikorrent fl-ewwel paragrafu limitatament ghall-fatt illi nhar il-25 ta' Mejju 2021 ghall-habta tad-9.30am fil-barriera Hardstone, No. 32, Santa Katerina, limiti tar-Rabat sehh incident meta r-rikorrent kien qed ihott trakk b'materjal ta'

kostruzzjoni, liema trakk tal-marka Mercedes Actros 4141-K ghandu n-numru a' registrazzjoni KBO 619;

2. Illi l-esponent kategorikament ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet hekk kif iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu bin-numru 1252/2021 u jiddikjara illi l-incident soggett ta' din il-kawza huwa imputabbli unikament ghan-negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tar-rikorrent u dan peress li mhux talli ma operax l-imsemmi trakk skond is-sengha u l-arti meta kien taht il-kontroll tieghu izda talli ghamel dan b'negligenza grossolana, hekk kif ser jigi pprovat ampjament fit-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Illi l-esponent jichad ghal kollox l-allegazzjoni mill-iktar malizjuza u vessatorja tar-rikorrent illi l-esponenti ma offrewx li jcemplu ambulanza. Kien fil-fatt ir-rikorrent li akkost ta' kollox ma riedx lill-esponenti icemplu ambulanza u kien fil-fatt fuq l-insistenza ta' Paul Falzon illi kkonvinca lir-rikorrent sabiex jiehdu ghall-kura;

4. Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda u l-kawza tigi deciza skont il-kontro-talba li qieghda ssir kontestwalment ma' din ir-risposta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

1. Illi l-intimat jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jipprezenta kontro-talba kontra l-intimant Joseph Spiteri;

2. Illi nhar il-25 ta' Mejju 2021 ghall-habta tad-9.30am fil-barriera Hardstone, No. 32, Santa Katerina, limiti tar-Rabat, sehh incident meta l-intimant kien qed ihott trakk b'materjal ta' kostruzzjoni, liema trakk tal-marka Mercedes Actros 4141-K ghandu n-numru ta' registrazzjoni KBO 619;

5. Illi dan l-incident sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti imputabbli esklussivament lill-intimant

peress illi mhux talli ma operax l-imsemmi trakk skont is-sengha u l-arti meta kien taht il-kontroll tieghu izda talli ghamel dan b'negligenza grossolana, hekk kif ser jigi pprovat ampjament fit-trattazzjoni ta' din il-kawza;

6. Illi fil-fatt b'rizultat ta' dan l-intimat inkorra danni sostanzjali;

7. Illi l-intimat kellu jikri trakk ghal mija u tnejn u tletin (132) jum bejn s-26 ta' Mejju 2021 u t-30 ta' Novembru 2021 u sebgha u ghoxrin (27) nofs gurnata b'total ta' mija u ghoxrin elf, mija u tlieta u tmenin ewro (€120,183) fi spejjez;

8. Illi t-tiswijiet tat-trakk danneggjat mill-intimant Joseph Spiteri swew lill-intimat total ta' sbatax-il elf u sebgha u hamsin ewro (€17,057);

9. Illi fil-fatt kien l-esponent illi interpella lir-rikorrent sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnhu sofferti u dan permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 2315/2021 datata it-3 ta' Gunju 2021 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok A);

10. Illi kien wara li gie notifikat b'din l-ittra ufficjali illi r-rikorrent ghogbu jinterpella lill-esponent ghall-allegat danni illu huwa sofra.

Ghaldaqstant l-intimat jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun:-

1. Tiddikjara u tiddecidi li l-intimant huwa unikament responsabbli ghall-incident
   li sehh nhar il-25 ta' Mejju 2021 ghall-habta tad-9.30am fil-barriera Hardstone, No. 32, Santa Katerina, limiti tar-Rabat meta l-intimant kien qed ihott trakk b'materjal ta' kostruzzjoni u ghalhekk ukoll tiddikjara lill-istess intimant responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-intimat b'konsegwenza tal-incident, liema danni ghandhom jikkonsistu inter alia,

f'dawk relatati mal-kiri ta' trakk u l-hsarat li saru lit-trakk tal-marka Mercedes Actros 4141-K bin-numru ta' registrazzjoni KBO 619 u dawk relatati mat-telf tal-qliegh u spejjez ohra ancillari.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferiti mill-intimat, okkorendo permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimant ihallas lill-intimat, in linea ta' danni, dawk id-danni li jigu hekk likwidati ai termini tat-tieni domanda hekk kif hawn premessa.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata it-3 ta' Gunju 2021 (2315/2021) kontra l-intimant li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda mressqa fil-perkors tal-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-Attur huwa impjegat mas-Soċjeta konvenuta Tlata Ltd iżda l-barriera Hardstone No. 32 f'Santa Katerina limiti tar-Rabat hija propjeta' taż-żewġ Soċjetajiet konvenuti. Fil-25 ta' Mejju 2021 meta l-attur kien qiegħed jaħdem f'din il-barriera kellu inċident gravi li ħallieh b'debilitajiet permanenti.

Dan l-inċident seħħ meta t-trakk li kien qiegħed jopera fuq rampa magħmula mit-turbazz, għeleb u weġġa' lill-Attur. Dan seħħ meta kien qiegħed jarbula xi materjal ta' kostruzzjoni u tilef il-bilanċ.

L-Attur qiegħed jallega li dan l-inċident seħħ tort tas-Soċjetajiet konvenuti. Il-konvenuti min-naħa tagħhom għamlu kawża fejn qed jitolbu danni mingħand l-Attur għall-ħsarat li sofrew fit-trakk inkwistjoni għaliex huma jallegaw li dan l-inċident seħħ tort ta’ l-Attur.

**Punti ta’ Liġi**

It-talba ta’ l-Attur hija waħda għad-danni wara korriment fil-kors tax-xogħol. Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali.

Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku (ara Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tal-2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta). Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta’ l-2003 (LS 424.18)).

Huwa dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala *“a safe system of work”* kemm jekk ix-xogħol qiegħed isir fuq il-post tax-xogħol u kif ukoll jekk fuq barra l-post tax-xogħol. Għalhekk jibqa’ dejjem l-obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta’ perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat u dan skond l-Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol u ċioe’ Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) (Ara **fost oħrajn Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta’ Mejju 1979, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe, Appell Kummerċjali tas-7 ta'**

**Diċembru 1994 u Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nominee tal-P.A. tat-12 ta' Frar 1999**) li jelenka b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Pero' wkoll "Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess" (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994)." (Ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim'Awla, 31 ta' Ottubru 2013**).

Aktar minn hekk fis-**Sentenza Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, ingħad hekk:

"*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).*"

B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (Ara **App. Ċiv. tat-28 ta' April tal-2017 fl-ismijiet Tessie Cardona et -vs- C.V. Builders Ltd. et**).

Di piu' b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'l bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u dan skond art. 6(2) tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk dan iġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (ara art. 6(3) tal-Kap 424).

Dan ifisser illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Settembru tal-1981 fl-ismijiet Godfrey Borg -vs- George Wells et noe**).

Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema li jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru tal-1980 fl-ismijiet Calleja -vs- Fino**).

Huwa ta' importanza li jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-

obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru tal-2008 fl-ismijiet Richard Farrugia -vs- Elbros Construction Ltd**). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara **Sentenza tal-P.A. tad-9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**).

Irid ukoll jingħad li l-pożizzjoni f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-pożizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża. Fil-ktieb **Occupational Health & Safety Law ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28**, intqal li fejn hemm kuntratt ta' impjieg "*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract.*" Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono -vs- Malta Drydocks tas-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu.

Interessanti wkoll dak li jingħad minn **Giovanna Visintini** fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: "*Passando a' considerare l'altra previsione dell'obbligo di sicurezza a' carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione giurisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per l'infortunato*" (**Giovanna Visintini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 99**).

Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, u għalhekk f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita'.

Pero' anke kieku ma kienx hemm dawn il-liġijiet, kif intqal tibqa' dejjem kundizzjoni impliċita li huwa min iħaddem li għandu l-piż tal-prova dwar il-prekawzjonijiet adegwati u konvinċenti li jkun ħa sabiex seta' jkun evitat l-inċident.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-*modus operandi* (*system of conduct*) tal-partijiet ġieli jindika anke l-għemil tarskurat tagħhom. Per eżempju f'din il-barriera diġa' kien hemm inċident aktar fatali. Bħala prova ċara hemm Sentenza fl-ismijiet **Grace Falzon -vs- Tlata Limited datata 10 ta' Mejju 2019**. Dan inċident fejn kien miet ħu

Paul Falzon id-direttur tass-Soċjeta' konvenuta Tlata. Dan għereq fil-ħama u fiċ-ċanura meta l-gaffa li kien qiegħed isuq kienet għelbet ukoll (a' fol 33). Pero' min-naħa l-oħra l-Attur kellu inċident ieħor simili għal dan mal-Bitmac (a' fol 740). Għalhekk il-preċedenti li jkunu seħħew fuq il-post tax-xogħol simili għal dak li jkun qed jiġi eżaminat ma humiex fihom infushom il-prova prinċipali biex tkun stabbilita' ir-responsabbilita' għall-inċident. Huwa neċċessarju li jkun hemm ċirkostanzi oħra li tikkorobora dan kollu.

F'din il-Kawża Paul Falzon, għas-Soċjetajiet konvenuti jgħid li huwa kien fetaħ għajnejn l-Attur biex ma joperax minn fuq din ir-rampa u anke saħansitra jgħid li dan l-inċident seħħ tort ta' l-Attur (a' fol 129.) Mentri l-Attur jgħid li kien Pawlu Falzon, direttur tas-Soċjetaijiet Konvenuti li gwidah fejn kellu jarbula t-terrapin. (a' fol 25). Il-Qorti hija tal-fehma li dak li jgħid l-Attur għandu aktar mill-verita'. B'dana kollu anke mill-affidavit ta' l-istess Pawlu Falzon jirriżulta li "*Fejn kien qiegħed jintrema' l-materjal kien il-post fejn konna qegħdin nuzaw f'dak il-perjodu"* (a' fol 236). Fir-rapport tiegħu Dennis Ciappara jikkonkludi li "*In conclusion there is no doubt that Joseph Spiteri was working on Tlata premises and carrying out works <u>as directed</u> and was informed to do at the place of work"* (Emfażi tal-Qorti a' fol 101). *Sopra corna bastonate* ir-raġuni għat-tkeċċija tiegħu kienet li naqas li jagħmel id-doveri tiegħu skond kif miftiehem fil-kuntratt ta' impjieg (a' fol 693 u ara wkoll Sentenza tat-Tribunal Industrijali a' fol 721 tergo). Issa kuntratt ta' impjieg, ta' l-inqas miktub ma hemmx u dan kif jammetti l-istess Paul Falzon. Għalkemm irid jingħad li l-istorja tal-impjieg ta' l-Attur tassew

tindika li kien jaħdem bħala truck and heavy engine driver (a' fol 695 u a' fol 703).

Minkejja li din ir-rampa kienet kjarament tippreżenta perikolu, kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel, skond Joel Falzon, bin paul, wara l-inċident wara li qelbu t-trakk _baqgħu jarmu fl-istess post_ (a' fol 236 tergo).

Issa jirriżulta ċar li din ir-rampa kienet stedina ċara għall-inċident ta' din ix-xorta. Jidher li s-Soċjetajiet konvenuti ma tgħallmux mill-mewt ta' hu Pawlu Falzon. Kienet rampa imxaqilba fuq naħa waħda meta suppost rampi ta' din ix-xorta għandhom ikunu livellati. Skond dan ix-xhud skond il-Health & Safety Ingliża dan jipprovdi li meta tkun ser taqleb il-materjal irid ikun sod u nvellat (a' fol 99 tergo). Dan jaqbel ma dak li xehed l-Inġinier Godfrey Muscat meta qal li meta qed tarbula importanti li l-art ma tkunx maqluba (a' fol 177 tergo). Iżda agħar minn hekk anke Pawlu Falzon jammetti li l-art ma kinitx dritta (a' fol 201). B'dan kollu ħalla li r-rimi jibqa' jsir hemm jew ma għamel ebda intervent biex jaċċerta li din tkun livellata.

Norbert Ciappara, spettur tal-OHSA, jgħid li "*Sussegwentement, jiena gejt muri munzell kbir ta' terrapien ta' kostruzzjoni, pero' li kien jidher evidenti li dan it-terrapien kien fuq art imxaqilba"* (a' fol 98 tergo). Aktar tard jerġa' jgħid li peress li l-liġi ma hiex ċara għamel riċerka u sab li skond il-Health & Safety Ingliża dan jipprovdi li meta tkun ser taqleb il-materjal irid ikun sod u nvellat ...dan jgħid ukoll illi "*Issa huwa obbligu taht il-ligi Maltija hu tal-Imgħallem li jara li fejn jagħtik tahdem huma safe"* (a' fol 99 tergo). Dan jaqbel ma dak li xehed l-Inġinier Godfrey Muscat, espert imqabbad mill-

konvenuti, meta qal li biex tarbula importanti li l-art ma tkunx maqluba (a' fol 177 tergo).

Issa Paul Falzon jitfa' l-ħtija fuq l-Attur għal żewġ raġunijiet prinċipali. Il-metodu ta' kif kien jopera l-Attur u li minkejja li widdbu li ma għandux jaħdem b'dak il-mod dan ma tax każ. Jidher ċar li din ir-rampa kienet perikoluża u Pawlu Falzon jilmenta li l-Attur meta kien jidħol bit-trakk kien jidħol b'lura kull meta jarbula. Skontu dan kien il-kawża għalfejn inqaleb. Għal din il-Qorti huwa ċar, li dan xogħol li b'ċertezza kellu jkun hemm xi ħadd fuq il-post meta jintrema' dan il-materjal biex jiggwida lis-sewwieq minħabba l-perikoli intrinsiċi li kienet tippresenta din ir-rampa li skond kif deskritta anke fir-rapport tal-Inġinier Muscat hija soda fin-nofs u rabta mill-ġnub apparti li kienet imxeqilba. Il-Qorti tfakkar li Paul Falzon anke quddiem it-Tribunal Industrijali prova jitfa' il-htija fuq l-Attur biex jiġġustifika it-temm tal-impjieg tal-Attur, iżda l-istess tribunal mhux biss emmen lill-Attur talli jekk wieħed jaqra sewwa l-Lodo bil-pulit it-Tribunal ċanfar lil Paul Falzon ergo lill-konvenuta Soċjeta' Tlata Limited.

Artikolu 9 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li "*safejn għandhom x'jaqsmu kondizzjonijiet tal-impieg, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuqil-Post tax-Xogħol u ta' xi regolamenti magħmulin taħtu għandhom jitqiesu li jifformaw parti mill-kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg ta' impjegati li għalihom jgħoddu dawk id-dispożizzjonijietjew dawk ir-regolamenti u għandu jkollhom, malli jiġu fis-seħħ, l-istess effett bħallikieku kienu ordnijiet ta' standard nazzjonali*

*jewordnijiet biex jiġi regolat settur”.* Biex il-leġislatur issammar sewwa dan l-obbligu tal-prinċipal, Kap 642 tal-Liġijiet ta’ Malta jiddisponi bla tlaqliq li f’artiklu 12.(1) li “*Għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jiżgura l-benesseri fiżiku u psikoloġiku tal-ħaddiema tiegħu f’kull waqt u tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati mix-xogħol li jkun qiegħed jitwettaq għal dak il-prinċipal fuq il-post tax-xogħol tagħhom*”.

Issa meta x-xogħol ikun jippreżenta ċertu perikolu, u dak li qed ikun eżaminat huwa bla dubbju hekk, regolament 16 (1) tal-Avviż legali 424.18 jipprovdi “*Il-ħaddiem huwa intitolat li jkollu sorveljanza tas-saħħa, kull tant żmien, u għal dan il-għan il-prinċipal għandu jiżgura li l-ħaddiema jkunu provduti b’sorveljanza tas-saħħa skont il-perikli tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u għandu jagħmel l-arranġamenti kollha kif meħtieġ.”* F’dan il-każ mhux biss ma kienx hemm talli meta skond Paul Falzon ġibed l-attenzjoni ta’ l-Attur għall-perikolu li kien jeżisti, għaliex dan ta’ l-aħħar qallu li jimportahx, dan wieġbu b’diżinvoltura li jista’ jagħmel li jrid u affarih.

Charles Micallef għall-OHSA jispjega li meta kien miet fid-19 ta’ Diċembru 2015, fil-barriera ma kienx hemm dokument f’postu dwar health & safety (a’ fol 86). F’dan ir-rigward meta xehed Paul Falzon kien jidher li qiegħed isofri minn xorta ta’ amnesija u bosta drabi jgħid li hemm bintu li tista’ twieġeb għal dawn il-mistoqsijiet. Bintu Charmaine Gauci kienet evażiva meta mitluba tgħid jekk jispjegawx xi ħaġa lil min jidħol jaħdem magħhom (a’ fol 145). Għall-bqija tal-mistoqsijiet twieġeb xott għall-aħħar ħlief meta mitluba tgħid jekk kienx hemm safety officer. Tgħid li huha kellu kors fil-

First Aid (a' fol 145 tergo). Minkejja dan meta xehed Joelle Falzon u mistoqsi jekk tax l-ewwel għajnuna jiddikjara li ma ta ebda għajnuna lill-Attur. (a' fol 170 tergo).

Pero minn imkien ma joħroġ ċar kemm huwa a' la biebu Paul Falzon daqs kemm jidher fix-xhieda tal-ERA. Pauline Agius Farrugia rappresentatriċi tal-ERA tgħid li l-barriera topera mingħajr ebda permessi u nħareġ ordni ta' waqfien. Din il-barriera ssejjah lil Paul Falzon u sa dak in-nhar li xehdet kienet għadha mingħajr permessi (24 ta' mejju 2022 a' fol 63 tergo). L-Avviż ta' waqfien jgħid, li minn fejn qed joperaw is-Soċjetajiet konvenuti, hija żona sensittiva ambjentali. Minkejja l-multi kbar imposti sal-lum, ix-xogħol ma waqafx u għadhom għaddejjin il-multi (a' fol 67). Meta wieħed jara żona kollha effetwata dak li jkun jibqa' impressjonat (ara a' fol 141). In-nuqqas ta' temenza tas-Soċjetajiet konvenuti mil-liġi hija xi ħaġa inkredibbli u li tirrifletti serjament fuq il-karattru ta' Paul Mifsud u l-kredibilita' ta' dak li allega fuq l-Attur, li fost oħrajn li bħal donnu ried jikkometti suwiċidju minħabba l-problemi familjari li kellu.

Għalhekk din il-Qorti, wara li fliet sewwa l-atti kollha ssib li l-Attur ma kellu xejn x'jaħti għall-inċident fatali. Ir-responsabbilita' ta' dak li ġara hija unikament tas-Soċjetajiet konvenuti. Dan ifisser ukoll li l-kontro talbiet ser ikunu miċħuda.

*<u>Id-danni</u>*

Id-danni klassikament dejjem jitqiesu żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (damnun emergens) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (lucrum cessans).

Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

"*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib*".

Pero' din il-Qorti tagħti wkoll importanza lill-prinċipju tar-restitution ad integrum, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu mixtieq milli rejali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident li jħalli debilita' permanenti, l-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

Din il-Qorti ssejjaħ dan l-element bħal integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-istatus quo ante. Jekk l-Attur kien jipprattika sport, dan ma hux ser jagħmlu aktar, u jekk kellu l-ħila li jkollu żewġ impjiegi, issa bil-kemm wieħed jista' jkollu.

Mhux ħtija tiegħu li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni.

F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**). Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati **f'Butler -vs- Hurd**, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident f'ħajjet id-danneġġjat.

*Damnum Emergens*

Dwar dawn ix-xorta ta' danni l-Attur esebixxa numru ta' dokumenti f'dan ir-rigward (a' fol 239). Għall-eqreb ewro dawn jammontaw għal €1334. Dawn huma d-danni effettivi.

*Lucrum cessans*

Il-prinċipji prinċipali ta kif għandhom ikunu likwidati t-telf fil-futur huma s-segwenti.

L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq

kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'l quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. F'dan il-każ jirrisulta li mit-tobba maħtura mill-qorti l-Attur qiegħed ibati minn diżabilita' permanenti psikjatrika minn 8 sa 10% u minn diżabilita' permamenti fiżika sa fejn jirrigwarda l-polz xellugi 10% u 10% oħra fi spalltu x-xellugija (a' fol 766 u 777). Għalhekk il-Qorti ser tqies bħal wieghted average diżabilita' permanenti ta' 25%.

Huwa wkoll stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens biss purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Għalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti qed tqis il-konklużjonijiet li waslu għalihom l-esperti minnha maħtura fil-perċentwal fuq imsemmi.

Kif diġa' aċċennat, sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet.

B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck

cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti dan ma jipprekludiex lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għal bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol. Il-Qorti ma tistax toqgħod biss fuq il-perċentwali tat-tobba iżda trid tqis li d-danneġġjat, ħaġa li anke osserva t-Tribunal, l-Attur għandu ċertu eta' u b'din id-diżabilita' ser ikun aktar diffiċli li jsib impjieg, partikularment bħal heavy vehicles driver. Għalhekk anke in ommaġġ għall-prinċipju tar-restitutio in integrum, minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, din il-Qorti għandha tagħti wkoll somma oħra, li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu. Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma.

Għalhekk qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-Qorti tħoss li sabiex tagħmel tajjeb għad-defiċjenzi fiżiċi li l-inċident ħalla fuq l-Attur għall-bqija ta' ħajtu qed tillikwida s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) rappresentanti l-frammentazzjoni psiko-soċjali ta' ħajjet l-Attur.

Il-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have 25 lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet **John u Laura**

**konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012 il-Qorti** kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża* ***Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967****. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c 'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*

Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** qalet hekk:

"*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.".*

Issa din il-Qorti ssib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih. Minn

eżami tal-provi ma jirrisultax li l-Attur kien isofri minn xi kundizzjonijiet li setgħu iqassrulu ħajtu. Meta l-Attur weġġa' kellu 58 sena (a' fol 25). L-eta' pensjonabbli tiegħu hija dik ta' 65 sena, li jfisser il-mutiplier għandu jkun ta' 7 snin.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' 27 Rik. Nru. 1020/17TA Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet **Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003**, 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001** u 0% fil-kawżi **Turner - vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta'**

**Novembru 2003, Bonnici - vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15 -il sena.

Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha li l-perċentwali ta' 18% bħala lump sum payment ikun ġust. Fil-każ ta' telf futur, dawn il-Qrati jistrieħu fuq l-aktar fattur ċert: is-salarju prinċipali u kull qliegħ ieħor li kellu d-danneġġjat fil-waqt tal-inċident dannuż u liema qliegħ ikun raġjonevolment wieħed stabbli u fit-tul. Issa l-attur f'din il-kawża, kellu impjieg prinċipali fiss mas-soċjeta' konvenuta. L-Attur jgħid li kien impjegat ma' Tlata Limited u li dak in-nhar tal-inċident kellu 58 u jitħallas €708 ewro fix-xahar (a' fol 25).

_Kalkoli_

€708 x 12 (paga ta' sena) x 7 (ħajja lavorativa sal-pensjoni) = €59,472 - €10,705 (18% lump sum payment) = 25% diżabilita x €48,766 = €12191) + €1334 (damnum emergens) = €13525) + €3000e (integrita' fiżika) = (€16,525)

**Kontro talba**

Kwantu għall-kontro talba kif diġa' aċċennat, ġaladarba din il-Qorti ma sabitx li l-inċident inkwistjoni ma seħħx tort ta' l-Attur, anzi tas-Soċjetajiet konvenuti, it-talbiet rikonvenzjonali ma jistgħux jintlaqgħu. Għalhekk ser ikunu miċħuda.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet** Attriċi billi tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fis-somma ta' sittax – il elf, ħames mija u ħamsa u għoxrin ewro €16525 u tikkundanna lis-Soċjetajiet konvenuti jħallsu dan l-ammont lill-Attur bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

**Tiċħad** għal kollox it-talbiet rikonvenzjonali.

Spejjes għas-Soċjetajiet konvenuti kemm tar-rikors ġuramentat u kif ukoll tal-kontrotalba.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**